# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 14 ta' Novembru tas-sena 2000.**

**Numru 36**

**Avviz numru 1022/00/SM**

**Antoine Vassallo f'ismu propju u ezercenti n-negozju taht l-isem ta' Antoine Auto Dealer.**

**vs**

**Carmel u Carmela konjugi Vella.**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur propju et nomine ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u hamsa u hamsin Liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (LM655.38), import ta' 9 kambjali annessi u mmarkati Dok. 1 sa Dok 9 minnhom accettati u iffirmati li d-dati ta' maturita taghhom skadiet;**

**Bl-imghaxijiet ulterjuri sad-dati tal-pagement effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra interpellatorja ammontanti ghall-LM5.75,0 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tal-attur datata 26 t'Ottubru tas-sena 2000 li permezz taghha ceda s-sorte izda zamm ferm il-kap tal-ispejjez;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur propju et nomine sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherux, la fis-26 ta' Ottubru tas-sena 2000 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa t-talba tal-attur pro et nomine bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**